TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 118

KAZ NRU. 152

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Mr. Charles Wickman
u
Management tal-Preluna Hotel
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 26 ta' Marzu, 1982

Chairman: C. Rowe

B'ittra tat-8 ta' Awissu, 1981, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-dispozizzjonijiet tal-Art. 28 (2) tal-Att Nru. XXX tal-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz hu dwar tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti biex jinstema l-kaz li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur France Coleiro, Segretarju tat-Taqsima tal-Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union li kien meghjun ukoll mis-Sur Catania, Shop Steward fil-Lukanda Preluna.

Ghall-Hotel Preluna mexxa l-kaz is-Sur Joseph Preca, General Manager.

3. Statement of Case

Ghall-appellant, is-Sur Coleiro qal li ghalkemm kien hemm xi irregolarita waqt il-hin tax-xoghol mis-Sur Wickman, pero dan ma kienx serq fil-veru sens tal-kelma, u li tkeccija mill-impieg tieghu fid-27 ta' Mejju, 1981 kienet decizjoni harxa hafna u ghalhekk jitlob lit-Tribunal li jiddeciedi l-piena li ghandha tirrifletti skond il-kaz li ghamel.

Il-kaz beda meta mpjegat talab xi haga lil Wickman biex jiekolha.

/ ....

Wickman fetah il-fridge fil-kcina u tah erba' (4) tuffiehat biex jiekolhom. Din kienet l-irregolarita kollha.

Dawn it-tuffiehat gew ikkunsmati fl-istess lukanda u qatt ma kien hemm xi dubju li dawn hargu barra mill-lukanda u b'hekk kienet tista ssir akkuza li kien hemm serq fil-veru sens tal-kelma.

Meta wiehed jinnota xi jfisser li jitkecca haddiem minn fuq ix-xoghol dan ghandu jkun ikkunsidrat bhala l-akbar kastig ghax zgur mhemmx kastig akbar ghall-haddiem.

Bir-rispett kollu s-Sur Cdeiro talab li t-Tribunal li jbiddel id-decizjoni ta' tkeccija ta' Charles Wickman ghal wahda li t-Tribunal ihoss li ghandha tkun skond il-mertu tal-kaz.

4. <u>Ghall-Lukanda Preluna</u>

Is-Sur Joseph Preca qal li dan il-kaz tressaq quddiem it-Tribunal mit-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union ghan-nom tal-appellant wara li ma ntlahaqx ftehim f'laqgha ta' konciljazzjoni.

Bejn il-Management tal-lukanda Preluna u l-General Workers' Union f'dawn l-ahhar snin kien hemm Collective Agreement li jorbot kemm lill-Management u kemm lill-Union u l-haddiema.

Illi f'dawn il-Collective Agreements inkluz dak li hemm 'in vigore' illum hemm stabbilita l-procedura dwar warnings u kawzi gusti ghat-tkeccija (paragrafu 22 (a) sa' (f)) tal-Collective Agreement, li kopja tieghu nghatat lit-Tribunal.

Il-Management jirrizulta li segwa l-procedura stabbilita u kemm peress li Wickman rcieva aktar minn zewg warnings li hu ma kkontestax, (Dokumenti 2G, 2I, 2J, 2K, 2L u kemm peress li Wickman fl-ahhar incident naqas li jobdi ordni legittima (paragrafu 22 (e) (1) u kif ukoll peress li seraq (22), (e) (1), il-Management kien intitolat li wara li jindaga l-fatti kif ghamel skond l-istess Collective Agreement ikecci lill-impjegat.

/ .....

Mill-istess "Warnings" jirrizulta li din ma kienitx l-ewwel darba li Wickman naqas li jobdi ordnijiet legittimi tal-Management, offiza li jekk tirrizulta, tfisser tkeccija. L-ordni li naqas li jobdi kien li dahal fil-kcina bla permess (19.3.81) u fl-incident li wassal ghat-tkeccija (27.5.81). Dan fisser li Wickman kien jaf li dan ma setax jaghmlu u minkejja li kellu diga "warning" dwar dan, irrepeta l-agir tieghu u fuq kollox hareg frott propjeta tal-management minn gol-fridge u tah lill-impjegat iehor.

Il-Union qed tibbaza l-kaz taghha fuq il-fatt li dan ma jikkostitwix 'serq.fil-veru sens tal-kelma' u qed tinsa ghall kollox li Wickman irceva u ma kkontestax aktar minn zewg "warnings" u li naqas li jobdi l-ordni legittima tal-Management u ghalhekk qed tallega li l-piena hi severa wisq. Fil-fatt il-Union l-anqas ghandha ragun fit-tifsira tal-kelma 'serq' li mhux bilfors tfisser qligh materjali jew personali ghal min jiehu xi haga. Bizzejjed iccaqlaq minn postu oggett ta' haddiehor meta dan il-fatt ikur kontra r-rieda tal-propjetarju tal-oggett. F'dan il-kaz Wickman mhux biss caqlaq izda ha minn gol-fridge u ta lill-impjegat iehor oggett li kien propjeta tal-Management kontra r-rieda ta' l-istess management.

Ghaldaqstant il-management jissottometti bir-rispett illi l-piena moghtija f'dan il-kaz lill Wickman mhux biss hi xierqa u skond il-Collective Agreement, izda giet mehuda konsiderazzjoni l-imgieba ta' Wickman, il-'warnings' li rcieva u l-posizzjoni ta' responsabbilta (Head Waiter) li kien jokkupa.

Il-management jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal ghandu jikkonferma d-decizjoni tat-tkeccija ta' Wickman u dan ghar-ragunijiet moghtija.

5. <u>Dokumenti li gew ipprezentati:</u>

Collective Agreement bejn Preluna Hotel u l-Hotels, Restaurants and Food Section tal-General Workers' Union.

Dokument 2B - Memo lill-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali, mis-Sur Preca dwar il-kaz ta' Wickman.

" 2A - Ittra mill-General Workers' Union lill-Ministru

/ .....

Dokumenti 2F, 2G, 2H, 2I, 2J, 2K, 2L (Kopji ta' Warnings u charges mahruga lill Mr Wickman.

Dok. 3 Kopja ta' Memo mahrug mis-Sur F. Pulis, Catering Manager, dwar dhul fil-kcina.

Dok. 4 Kopja ta' ittra minn Dr M. Azzopardi, M.D. dwar zjara ta' mard ghand Wickman.

Dok. 5 Pjanta tal-inhawi tal-kcina tal-Hotel Preluna.

6. Xhieda

Ghall-Appellant:

| | |
|---|---|
| Charles Vella | Restaurant Manager |
| Andrew Bundy | Waiter |
| Godfrey Busuttil | Helper |
| Lorry Lanzon | Waiter |
| Anthony Catania | Shop Steward (GWU) |

Ghall-Management:

| | |
|---|---|
| Lorry Barbara | Chef |
| Leo Mizzi | Personnel Manager |
| Frank Pulis | Catering Manager |

Is-Sur Godfrey Busuttil u s-Sur Lorry Barbara kienu mitluba bhala xhud mill-management ukoll.

7. Xhieda fil-qosor

L-ewwel xhud kien is-Sur Anthony Catania. Dan gie mismugh kmieni ghax kien ser ikun prezenti mas-Sur Coleiro biex jassistu lill-appellant.

Catania qal li kellu zewg kazi f'daqqa, wiehed tal-appellant u iehor ta' Chef de Rang li ma kienux konnessi. Is-Sur Preca isibha bi tqila li jkecci mpjegat u kien hemm talba mis-Sur Preca biex jahseb sewwa fuq il-kaz ta' Wickman u anke beda jara jekk Wickman jigix demoted, fil-fatt, is-Sur Preca kellem lill-appellant dwar hekk.

Kien hemm suggeriment ukoll li l-appellant jirrizenja mill-impieg u jinghata xahrejn paga, b'hekk kien ikun ehfef ghalih ghax ma

jkunx gie mkecci, l-appellant dan is-suggeriment ma accettahx imbaghad giet it-tkeccija ta' Wickman, imbaghad dahal fil-kaz, is-Sur Coleiro, Segretarju tat-Taqsima.

Is-Sur Catania fuq mistoqsija dwar warning moghtija lis-Sur Wickman ghal dhul fil-kcina jew disobeying lawful order, qal li hu chef de rang (waiter) hemm aktar minn kcina wahda fil-Preluna, u fejn jahdem hu, kcina differenti, hu u waiters ohra jidhlu biex jiehdu gelati jew gobon. Imma dwar il-main kitchen qal li ma jistax jaghti dettalji. Mistoqsi mit-Tribunal, Catania qal li hu shop steward u hemm 260 impjegat. Ghandu 9 group leaders li jiehdu hsieb id-dipartimenti tal-lukanda u meta jkun hemm bzonn jidhol ukoll hu biex jitkellmu mal-management.

Is-Sur Catania waqaf mix-xhieda u gie mgharraf li jista' jerga' jigi mitlub jixhed, wara li s-Sur Coleiro ikun studja l-warnings li gew pprezentati mill-Management.

Is-Sur Charles Wickman

L-appellant qal li kemm ilu li gie promoted u gie moghti xi warning ma kienx ikkontestahom, qal ukoll li l-warnings qatt ma ffirmahom u suppost li meta jsiru xi warnings dawn jigu wkoll f'idejn ix-Shop Steward u mbaghad jidhru flimkien quddiem il-management biex jikkontestaw il-warning imma qatt ma saret din il-procedura. Meta rcieva xi warning kien jurih lix-shop steward u dan kien jghidlu "Issa nitkellmuh" ghax suppost jitkellmuh mal-management.

Dwar warning li ha ghax kien irraporta sick u t-tabib ma sabux id-dar, l-appellant qal li kien mar jara t-tabib tieghu. Il-warnings li kienu jinghataw kienu jigu filed u jekk sa sena ma jkunx hemm warnings ohra dawn il-warnings jispiccaw.

Is-sena mhix sena kalendarja - Jannar Dicembru, imma sena bejn ix-xhur li johrog il-warning ezempju - minn Mejju ta' sena

sal-ahhar ta' April tas-sena ta' wara. Is-Sur Coleiro qabel ma din l-interpretazzjoni li ta s-Sur Preca dwar il-warnings.

Fuq mistoqsija tas-Sur Coleiro l-appellant qal li kienu jidhlu fil-kcina, johorgu 'salads' mill-fridge u gie li dahlu ghall-helu fil-Pantry. L-appellant qal li hu u xi head waiters ohra gie li dahlu fil-Pantry, imma lill-waiters ma jhalluhomx.

Fuq mistoqsija tat-Tribunal l-appellant qal li huma kienu jidhlu biex jithaffef ix-xoghol imma ma kienx cert jekk il-management kienx jaf b'dan.

Mill-fridge gie li hargu gobon u affarijiet tad-display u gie li hargu wkoll frott specjalment fil-"lejla Maltija." L-appellant qal li l-management dwar jekk il-waiters imissux xi affarijiet tal-ikel, qal li kien jinghad li ahjar oggett jittiehed milli jintrema.

Dwar l-ahhar incident qal li dahal biex igib il-halib tal-bott ghax ma kienx jixrob halib pastorizzat u gie Godfrey Busuttil u qalli "hemm xi haga tajba ghall-ikel" u kull ma kien hemm kien erba' tuffiehat. Ghidtlu " Dawn ha" qalli li mhux l-ewwel darba li tawh, u l-appellant tah it-tuffieh. Ma kienx jaf pero', jekk it-tuffieh kienx ilu fil-Fridge u ma kienx jaf min irrapurtah lill-management fuq dan l-incident.

L-appellant ikkonferma dak li kien xehed Catania dwar il-proposta li kellu mill-management jekk jaccettax demotion bhala kastig u dwar offerta ohra li jinghata xahrejn notice u jirrizenja. Din l-offerta tal-ahhar ma accettahiex, kien accetta biss li jigi demoted.

Fil-Kontro-Ezami mis-Sur Preca, l-appellant gie mitlub jekk saritlux offerta li jiehu demotion jew kienx lest li jiehu demotion, jigifieri l-Management ried jaf l-appellant kienx lest li jiehu demotion.

Il-hsieb tas-Sur Preca kien biex jara l-possibiltajiet kollha qabel jiehu decisjoni fuq il-kaz ta' Wickman u wahda mill-possibilitajiet kienet demotion.

Mistoqsi mit-Tribunal, l-appellant qal li s-Sur Preca mhux offrielu demotion u staqsih jekk kienx lest li jiehu demotion. Dan il-punt b'daqshekk gie iccarat.

L-appellant qal ukoll li kien gie rrappurtat li kien qed ipejjep fil-kcina, fil-fatt kien fejn isir il-hasil tal-borom u mhux fil-kcina. Qal ukoll li hu kien cahad li kien qed ipejjep izda xorta tawh warning. Qal ukoll li dan il-warning ma kienx accettah. Xhieda li hu ma kienx ipejjep ma kellux.

Is-Sur Coleiro li kien qed jiddefendi lill-appellant qal li s-shop steward jiffirma warning kien jaghmel dan bhala rcevuta; meta gie li ddiskutew warnings u johrog li ma kienx gustifikat dan il-warning suppost li jitqatta.

Is-Sur Preca staqsa x'jigri meta l-Union ma taqbilx mal-warning u s-Sur Coleiro qal li jsiru l-proceduri normali jew jekk ma jsirx ftehim jittiehdu passi li anke jistghu jmorru conciliation, imma dan hu kaz rari, fejn jintalab li jitnehha l-warning u hafna drabi gew irrangati.

Is-Sur Preca qal li m'ghandux dubbju li huma mxew fuq il-Collective Agreement u bdew jimxu bis-sistema li l-ewwel jaghtu charge u wara jekk jigi kkontestat isir stharrig u jekk dak li kien hemm fic-charge jigi konfermat, johrog il-warning.

Fil-file jigu registrati l-warnings li gew accettati.

<u>Is-Sur C. Vella</u>, Restaurant Manager, gie msejjah biex jixhed mill-appellant, qal fuq mistoqsija tas-Sur Coleiro li gie li l-waiters jidhlu fil-kcina ghall-gobon jew helu u jaghtihom

il-kok u gie li kien hemm kazi li hadu mill-fridge salads jew gobon biex jarmaw ghas-service.

Mistoqsi dwar il-karattru tal-appellant ix-xhud qal li dwar efficjenza jista' jghid li xogholu kien jaghmlu. Wickman kien jaqa' taht is-supervizjoni tax-xhud u kien ilu madwar sena mieghu; kien dejjem jobdi l-ordnijiet li jaghtih.

Dwar uzu ta' lingwagg hazin, ix-xhud qal li l-waiters kellhom vizzju jghajtu 'l xulxin b'laqmijiet baxxi u hu, ix-xhud, nehhilhom din l-uzanza u jghajtu lill xulxin b'mister.

Kien jaf li sar rapport lill Wickman dwar foul language, pero ma kienx jaf jekk kienx warning jew charge jew caution. Ix-xhud qal li hu ma kellux awtorita li johrog charges.

Fil-kontro-ezami mis-Sur Preca x-xhud spjega s-sistema biex jinhareg ix-xoghol mill-kcina. Qal li fil-kcina huwa responsabbli c-chef u fejn isir it-tisjir il-waiters ma jidhlux.

It-Tribunal staqsa x'inhuma duties ta' Head Waiter u x-xhud qal li dan jaghmel supervision fuq sittax il-mejda u meta jinqala xi problema, per ezempju zball mill-kcina, jirranga l-head waiter mall-kcina, dan minhabba Cost Control, izda ma jidhlux fil-kcina.

<u>Is-Sur Bundy</u> prodott mill-appellant, waiter fil-Preluna qal li xogholu hu fir-Restaurant u kultant jidhol jghin fil-kcina. Kien jghin lill'commis'. Qal li gieli dahal biex jiehu xi affarijiet mill-fridge u dan kien jaghmlu bil-permess tac-chef. Gie li talab xi ikel ghalih nnifsu wkoll u mistoqsi mit-Tribunal qal li kien jitlob lill-kok.

Mistoqsi mis-Sur Preca kienx jitlob xi ikel mill-kcina u jaqbdu u jaghtuh, ix-xhud qal li gieli talab bicca hobz u ma tawhx. Kien hemm kazi li ghall xi raguni ma jiehux mill-Canteen u jitlob sandwich lic-chef u gie li tawh u gie li ma tawhx; pero dejjem talab il-permess u mhux qabad u ha bla permess tac-chef.

/ .....

Is-Sur L. Lanzon, waiter fil-Preluna, prodott mill-appellant qal li bil-permess tal-kok jista' jaghti kaz li dahal jiehu xi haga mill-kcina, imma personalment meta dahal biex jiehu xi salad jew gobon mill-fridge dejjem ha l-permess tal-kok. Gie li kien hemm ukoll kazi fejn barra l-hin tal-ikel taghhom kienu jitolbu xi haga biex jiekluha u dan kien ikun xi 'course' zejjed u jkun ser jintrema u gie li tawh ukoll mhux affarijiet li ma kienux ghar-rimi. Fil-kontro ezami x-xhud qal li biex tidhol fil-kcina trid bilfors tiehu permess.

Il-breakfast ikun ppreparat u ma jidhlux fil-kcina; dan hemm area fejn jittiehed.

Is-Sur Busuttil (Maintenance Worker ) fil-lukanda ghall-appellant xehed li hu kien il-persuna li gie moghti t-tuffieh minn Wickman. Qal li kien ghaddej bix-xoghol, ra lill Wickman u staqsieh hemmx xi haga tajba ghall-ikel u l-appellant tah 4 tuffihat. Ma kienx intitolat ghall breakfast bhal waiters imma fuq mistoqsija tat-Tribunal qal l-appellant ma argumentax mieghu meta talbu xi haga x'jiekol; kompla jghid li wara nofs inhar fl-istess jum gie mtella quddiem is-Sur Preca u wara li ghamlulu xi mistoqsijiet u ammetta l-kaz tat-tuffieh gie sospiz jumejn mix-xoghol. Mill-kcina qatt ma kien talab affarijiet qabel dan il-kaz.

Is-Sur Preca staqsa lix-xhud jekk Wickman tahx it-tuffieh ghalih jew biex jaghti lill shabu; ix-xhud qal li talbu xi haga tajba ghall-ikel u tah 4 tuffihat.

Fil-ghodu fid-9.00 il-maintenance staff jigu moghtija 4 biccieet toast u kafe, imma x-xhud ma kienx jiehu ghax igib il-hobz mieghu.

Is-Sur Barbara, chef, prodott mill-lukanda Preluna, mistoqsi mis-Sur Preca qal li hadd mill-head waiters jew waiters ma kellhom dritt jidhlu fil-kcina u biex jidhlu wara l-counter tal-kcina iridu jitolbu permess.

Mistoqsi mit-Tribunal ix-xhud qal li qatt ma qalu lill hadd biex jidhol jiehu mill-kcina. Ix-xhud gie muri memo mahrug

/ .....

mill-Management dwar dhul fil-kcina u dan qal li hu jaf bih ghax lilu tinghatalu kopja ta' dawn il-memos. L-ordni dejjem kienet li hadd ma jidhol fil-kcina. Il-memo kien biss reminder.

Mistoqsi mis-Sur Coleiro, ix-xhud qal li dejjem il-kitchen staff johorgu l-affarijiet ghal Cold Buffet u l-waiters biex jifthu l-fridge iridu jiehdu permess minn ghandu (chef) jew minn ta' warajh. Personalment hu qatt ma hallihom jiehdu mill-fridge.

Dwar ghoti ta' ikel lill-haddiema, x-xhud qal li gie li taw xi sandwich lill xi haddiem taghhom li kien jigi tard u ma jiftakarx li kien hemm part-timers entitled ghall-ikel u lilu qatt ma talbuh.

Is-Sur Catania, Shop Steward rega xehed biex jispjega dwar warning li gie moghti lill-appellant f'Settembru 1980, fuq rifjut li jiehu ordni ta' breakfast. Ix-xhud qal li l-appellant ghamel hekk ghax kien hemm kwistjoni fuq il-Coffee Shop u x-xhud kien hareg direttiva lill head waiters. Din kienet forma ta' Industrial Action.

Ix-xhud deher li fuq il-procedura tac-charges u warnings ma kienx car, u qal ukoll li hu jkollu hafna kazi ghax ghandu madwar 200 impjegat fil-Union u ma jiftakarx id-details dwar mistoqsija fuq warning fin-1980 u l-kaz dwar it-tipjip fin-1981.

Fil-kontro ezami mis-Sur Preca dan staqsa lix-xhud dwar id-direttiva li kien ta s-shop steward fil-kwistjoni tal-Coffee Shop.

Din kienet qamet ghax taw xi bonus lill xi head waiters, imma l-ahhar tnejn, Wickman u iehor li kienu l-juniors ma gewx moghtija bonus. Ix-xhud qal li jiftakar li kellu diskussjoni mas-Sur Preca u wara giet irrangata; qal ukoll li anke mall-Catering Manager kien tkellem.

/ .....

Is-Sur Leo Mizzi, Personnel Manager, qal li ilu mpjegat mall-Preluna minn Frar 1981. Jaf li hareg warning lill Wickman dwar tipjip fil-kcina. Il-warning kien hargu s-Sur Pulis, tkellem dwar il-procedura tac-charge u smigh tal-kaz jekk ikun hemm kontest tac-charge u l-hrug ta' warning.

Fil-kaz finali ta' Wickman, id-diskussjoni kienet saret fl-ufficcju tieghu, imma fil-kaz ta' decizjoni bhal tkeccija ta' Wickman dejjem jirriferiha lill-General Manager.

Is-Sur Frank Pulis, Catering Manager tal-Preluna, xehed dwar rapporti li pprezentat l-Preluna fuq il-kaz ta' Wickman; l-ewwel wiehed kien jittratta dwar ittra li giet moghtija lill-appellant dwar li dan uza lingwagg hazin - 'foul language' - ma membri ta' l-istaff u ohrajn. Dok. 2L-13/8/79. Charge u Warning dwar tipjip fil-kcina Dok. 2G, 2H-19 u 27/3/81 u Memo Dok.3 21/8/79 mahrug dwar projbizzjoni ta' dhul fil-kcina.

Ix-xhud ikkonferma wkoll Dok. 2I u 2J-8 u 17/9/80, charge u rapport dwar rifjut ta' ordni mill-appellant. Hu qal li dawn ic-charges u l-warnings ma gewx ikkontestati la mill-appellant u lanqas mis-Shop Steward.

Dwar hrug ta' warnings ix-xhud qal li hu kellu l-awtorita li johrog charges u warnings. Dwar ir-rapport tat-tipjip qal li kien hu li ra lill-appellant ipejjep. L-azzjoni industrijali li kien imdahhal fiha Wickman, kien jaf biha indirettament. Barra mill-appellant kien hemm Head Waiter iehor li rcieva l-istess warning. Fil-kaz tat-tuffieh kien imdahhal ukoll indirettament ghax il-kaz hadu s-Sur Preca.

Dwar ix-xhud, is-Sur Preca qal li dan jiehu hsieb it-tmexxija tal-lukanda, meta hu, is-Sur Preca, jkun nieqes; pero x-xhud qal li billi l-kaz ta' Wickman kien serju u jinvolvi tkeccija dan hadu f'idejh is-Sur Preca, ghax hu ma kellux awtorita li jkecci haddiema. Il-memo, Dok. 3, ma kienx twahhal fuq Notice Board imma gie moghti lill l-istaff tal-kcina.

Ix-xhud gie kontro ezaminat mis-Sur Coleiro, l-aktar dwar il-Memo, ir-rapporti li hareg kontra Wickman u qal li jzomm file dwar rapporti.

/ .....

Is-Sur Preca, General Manager, gie mistoqsi mit-Tribunal dwar l-ahhar kaz ta' Wickman u l-passi li ha l-Management. Xehed fit-tul dwar il-procedura li uza; qal li ha zmien biex wasal ghad-decisjoni tat-tkeccija u kien kellem il-Wickman. Kellem ukoll lix-Shop Steward li ghamillu hafna pressjoni dwar l-appellant. "Fuq il-fatt ix-Shop Steward ftit kellu xi jghid ghax l-appellant ammetta c-charge, imma kompla jaghmel pressjoni biex jien intaffi l-kastig, u jien kont rajt il-file u rajt il-collective agreement u kont nifhem li wara zewg warnings jista' jkun hemm dismissal u kellu wiehed mill-warnings fuq dhul fil-kcina. Hu kien Head Waiter u kellu responsabbilta ta' l-istaff."

It-Tribunal ra li l-appellant kien gie promoss Head Waiter u biex sar hekk zgur li kellu xi kwalitajiet tajbin u l-management bilfors nesa xi warnings li kellu. Wickman kien parti mill-Group Committee imma kien imissu bis-Seniority. Ukoll kien sarlu ezami orali, l-ewwel kien wehel, imma mbaghad ghadda, u meta kien qallu l-Catering Manager li Wickman ried isir head waiter x-xhud kien qallu li jekk ser jidhol ghaliha, jrid jidhol ghar-responsabbilita kollha.

Fil-kontro ezami, ix-xhud ikkonferma li hu ried jaf minn ghand Wickman jekk kienx jaccetta demotion jekk joffrulu.

Sar tibdil ta' fehmiet dwar il-Collective agreement fejn jissemmew il-warnings u dixxiplina bejn ix-xhud u s-Sur Coleiro u fuq mistoqsija tat-Tribunal is-Sur Preca wiegeb li ma kienx cert jekk sarx haddiehor Head Waiter flok l-appellant.

It-Tribunal ried jiccara din billi fis-smigh tal-kaz ma harigx minn kien il-persuna li ghamel ir-rapport fuq l-appellant u dan l-anonimu seta' gawda minn fuq dan ir-rapport.

Is-Sur Coleiro iddibatta mas-Sur Preca dwar il-validita tal-Warnings u l-Industrial Action li fuqha l-appellant gie moghti warning.

/ .....

7. Fil-final submissions ghall-appellant, is-Sur Coleiro, issottometta argumenti li hargu fis-smigh tal-kaz, l-aktar dwar il-warnings u specjalment dwar il-warning taz-17 ta' Settembru 1980, Dok. 2I u 2 J.

Dwar il-kaz li fuqu gie mkecci l-appellant dan kien kastig massimu li ma jiriflettix ghal dak li ghamel ghax din mhix irregolarita gravi u ma ghandhiex twassal biex haddiem jitlef ix-xoghol.

Wickman mid-data tat-tkeccija 27.5.81 ghadu ma jahdimx u lanqas jista' jirregistra ghax-xoghol.

It-Tribunal gie mitlub jiddeciedi x'kastig kien jisthoqqlu Wickman u ma jkunx dak li gie deciz mill-Management.

Is-Sur Preca ghall-lukanda Preluna qal li l-kaz wasal quddiem it-Tribunal ghax il-Union qed tallega li l-piena li ha Wickman hija harxa wisq.

Il-Management isostni li l-azzjoni li ha hi skond il-Collective Agreement. Mix-xhieda ma kienx hemm dubbju dwar il-validita tal-warnings. Ma giex ikkontestat li s-serq ma sarx minn Wickman; ghaldaqstant il-Management jissottometti li quddiem it-Tribunal Wickman rceva numru ta' warnings li ma gewx ikkontestati u li hu hati ta' ksur serju ta' dixxiplina u ghaldaqstant skond il-paragrafu 22 (d) u (e) tal-Ftehim Kollettiv il-Management hu intitolat li jittermina l-impieg ta' Wickman liema piena hi skond il-Ftehim Kollettiv.

8. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

It-Tribunal f'dan il-kaz gie mitlub biex jistharreg it-tkeccija tas-Sur Charles Wickman mill-lukanda Preluna kienitx ingusta skond il-Collective Agreement li jezisti bejn it-Taqsima Hotels, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union u l-Management tal-Preluna Hotel.

Ta' min jghid li qabel din il-kwistjoni waslet quddiem it-Tribunal sar attentat ta' konciljazzjoni mid-Dipartiment tax-Xoghol, imma dan ma rnexxiex.

/ .....

Jidher car minn dak li nstama' tul il-kaz li bejn il-Management u l-Union hemm nuqqas ta' qbil fuq certi interpretazzjonijiet ta' dixxiplina specjalment dwar dak li huma hrug ta' charges u warnings kif ukoll dwar azzjonijiet industrijali u fejn iz-zewg partijiet ma jifhmux l-istess, fuq dak li darba ftehmu, it-Tribunal ihoss piz kbir li jinterpreta hu meta ma kienx prezenti meta l-partijiet ftehmu u fasslu ftehim kollettiv, ghax biex sar dan zgur il-partijiet hadu hafna hin, hlew hafna linka u sar hafna kliem li ma jidhirx bejn il-linji tal-ftehim li hemm stampat pulit u li tieghu t-Tribunal gie moghti kopja.

Jekk il-Ftehim Kollettiv kellu nterpretazzjoni wahda, iz-zewg partijiet ma kienux jaslu quddiem it-Tribunal ghax kien ikun hemm zewg alternattivi:

(a) li l-Union taccetta d-decizjoni tal-Management;

(b) il-Management kien ibiddel il-kastig li ta lil wickman f'xi forma ohra.

Il-kaz tal-union hu bbazat fuq li l-kastig tat-tkeccija huwa ahrax meta tpoggieh mal-htija li saret. Filwaqt li l-management isostni li d-decizjoni tieghu hija tajba ghax barra l-htija li wickman ammetta kellu twissijiet ohra.

It-twissijiet li kellu wickman kienu:

| | |
|---|---|
| (1) Dwar li uza lingwagg hazin | Dok. 2L |
| (2) Dwar mard u ma kienx id-dar | Dok. 2K |
| (3) Dwar rifjut ta' ordni legittima | Dok. 2I, 2J |
| (4) Dwar tipjip fil-kcina | Dok. 2G, 2H |
| (5) L-ahhar incident - Ha t-tuffieh mill-Fridge fil-kcina | Dok. 2D,2E,2F. |

/ .....

It-Tribunal studja dawn il-warnings u jghid li l-ewwel wiehed (1) ma jidhirx li fih kien hareg charge u wara warning, imma hu forma ta' ittra. Dan kien fit-13 ta' Awissu 1979 u ma fihx firma tax-Shop Steward.

It-tieni wiehed (2) mahrug fil-5 ta' Marzu 1980 kien dwar assenza ta' mard u gie mwahhal jum paga - Ma thallasx ta' gurnata mard. Dan ukoll ma fiehx firma tax-Shop Steward.

It-tielet wiehed (3) mahrug fis-17 ta' Settembru 1980 kien fih il-firma tax-Shop Steward.

Ir-raba' wiehed (4) fis-27 ta' Marzu 1981 jidher inizjalat mix-Shop Steward.

Il-hames wiehed (5) fis-27 ta' Mejju 1981 ma fihx inizjali tax-Shop Steward imma jidher li gie moghti kopja.

Il-warnings (1) u (2) it-Tribunal deherlu li kellu jwarrabhom u ta konsiderazzjoni tal-warning (3). Dan kien hemm trattazzjoni fuqu fit-tul fix-xhieda u l-partijiet qalu li dan kien imhabba ordni li kien hareg ix-Shop Steward.

Il-Management deherlu li minkejja dak li qal ix-Shop Steward xorta kellu johrog warning lill-appellant.

Is-sottomissjonijiet finali, is-Sur Coleiro qal li Wickman meta nghata direttiva mill-Union kien duty u l-ghada kien frank.

Jidher li fil-gurnata li kien frank sar qbil bejn il-Management u x-Shop Steward u Wickman ma kienx jaf b'dan meta rega' lura ghax-xoghol u kompla jobdi d-direttiva ghax ix-Shop Steward ma setax iwassallu risposta li sar ftehim.

Il-Management jidher li kien adamanti fuq dan u hareg ic-charge u l-warning.

/ .....

It-Tribunal jifhem il-posizzjoni tal-Management imma jara wkoll li membru attiv tal-Union kif kien Wickman isib ruhu bejn haltejn meta jkollu direttivi. Wickman kien ukoll fil-Group Committee. Minkejja l-insistenza tal-Management dwar il-klawsola dwar Industrial Action u procedura skond il-Ftehim Kollettiv, l-azzjoni ristretta li kienet tinvolvi tnejn minn nies ma kienetx xi Industrial Action kbira u servizz fil-lukanda kien mexa normali, ghax ma jidhirx li rifjut ta' Wickman dwar ordni ghal breakfast kien ta' nkonvenjent ghall-klijenti ghax kieku l-Management kien jiehu passi aktar serji kontra l-appellant dak in-nhar u mhux itih biss twissija.

Ghaldaqshekk fl-opinjoni tat-Tribunal dan il-warning ghandu jitqies fid-dawl ta' dak li ntqal mis-Sur Coleiro.

Jibqa' ghaldaqshekk il-warning (4) dwar it-tipjip fil-kcina li t-Tribunal ihoss li kien iggustifikat. L-incident li wassal ghat-tkeccija ta' Wickman gie spjegat fit-tul f'din it-trattazzjoni u Wickman ma cahdux.

It-Tribunal ghad li jifhem dak li hass il-Management ma jistax jaqbel mad-definizzjoni ta' serq li dan ta ghall-imgieba tal-appellant li ha erba' tuffiehat u tahom lill-persuna ohra biex tiekolhom.

Wickman qabeż l-awtorita' li kellu, imma l-abbuz li ghamel jidher li ghamlu fil-berah u donnu hekk hass il-Management li Wickman tkessah, imma ghad li dan l-abbuz deher gravi f'ghajnejn il-Management, il-valur kien tabilhaqq zghir. Jidher li l-appellant zgur ma hasibx fil-konsegwenzi u kien niedem minn dak li ghamel ghax stqarr li kien lest li jaccetta demotion bhala kastig.

Din kienet tkun tabilhaqq linja tajba mill-Management u t-Tribunal ihoss li ghad li fl-ebda hin ma jrid inaqqas l-awtorita' tal-Management, jghid li ma jaqbilx mal-piena harxa li nghatat.

/ .....

It-tkeccija hija kastig estrem li ghandu jittiehed meta min jaghmel il-htija ikun tabilhaqq jisthoqqha u mhux ghal kontravenzjoni bhal ma wettaq Wickman.

Ghaldaqshekk it-Tribunal wara dawn ir-rimarki jasal ghal dan l-Award:-

(1) It-tkeccija ta' Wickman kienet ingusta.
(2) Wickman ghandu jigi demoted ghal grad li kellu qabel lahaq Head Waiter mid-data li fiha kien gie mkecci 27/5/81.
(3) Mill-istess data 27/5/81 sa erba' gimghat wara Wickman jitqies li kien sospiz bla hlas.
(4) Wara dawn l-erba' gimghat sas-26 ta' Marzu 1982 Wickman ghandu jitqies sospiz b'nofs paga u jerga' jibda x-xoghol mit-Tnejn 29 ta' Marzu 1982.
(5) Iz-zewg partijiet iridu jhallsu s-sehem taghhom tal-Bolli, skond il-ligi, ghall-perijodu kollu.
(6) Il-flus li jithallsu lil Wickman, ghandhom jithallsu sa nofs Gunju 1982 u l-hlas jista' jinqasam f'zewg partijiet bl-ewwel wiehed jithallas sa nofs April 1982.

C. ROWE
Chairman

Edw. F. ABELA
A/Segretarju

26 ta' Marzu 1982.

eam